MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' April, 2013

Numru. 1233/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Joseph Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Joseph Borg**, ta' disgha u erbghin (49) sena, imwieled Pieta fl-20 ta' Jannar 1962, bin Paul u Mary neé Genovese, prezentement residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 79962M, akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fis-27 ta' Frar 2002, fid-9 ta' Mejju 2002, fl-10 ta' Jannar 2003, fit-13 ta' Jannar 2003 u fit-3 ta' Settembru 2004

a. ghamel xi haga bi ksur ta’ l-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, mahrug mill-Magistrat Dr. C. Peralta LL.D. fis-16 ta’ Dicembru 2001, bi ksur tal-Artikolu 22B tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101) (*a fol.* 6) fejn ta l-ordni tieghu sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx u li d-difiza ma kellhiex provi xi tressaq.

Semghet it-trattazzjoni tal-partjiet.

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2011, xehed **Stephen Cachia** (*a fol.* 12 *et seq.*), in rapprezentanza tat-Transport Malta, li ghamel riferenza ghall-fatt illi: (a) mutur bin-numru FAF 364 gie trasferit fl-10 ta’ Jannar 2003 minn Joseph Borg, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 79962(M), ghal fuq Mario Delceppo, (b) mutur Honda 750 bin-numru JJB 750 gie trasferit fit-13 ta’ Jannar 2003 minn fuq l-istess Borg ghal fuq Mario Delceppo, (c) vettura Ford Fiesta bin-numru GAT 963, fit-28 ta’ Frar 2002, daret minn fuq isem l-istess Borg ghal fuq Gasan Motors Limited[1], (d) vettura Skoda bin-numru IAT 315, fit-3 ta’ Settembru

[1] Fid-9 ta’ Mejju 2002 daret minn fuq isem Gasan Motors Limited ghal fuq RoseMarie Abela.

2004, daret minn fuq l-istess Borg ghal fuq Victoria Cacciattolo.

Illi, fis-seduta tat-23 ta’ Jannar 2012, xehed **John Seychell Navarro** (*a fol.* 35 *et seq.*) li huwa nkarigat mill-Asset Management Unit fil-Qorti ta’ Malta. Dan xehed illi minkejja li fis-16 ta’ Dicembru 2001 kienet saret ordni ta’ iffrizar, xorta wahda kienu gew trasferiti mutur tat-tip Honda 250, mutur iehor tat-tip Honda 750, vettura Ford Fiesta u vettura Skoda. Esebixxa verbal li gie mmarkat bhala Dok. “JSN 1” fejn il-Prosekuzzjoni kienet talbet l-iffrizar tal-assi ta’ Joseph Borg. Xehed ukoll illi mill-i*statements* tal-bank irrizulta illi fis-27 ta’ Frar 2002 kienu ngibdu xi flus minkejja li kien hemm l-ordni tal-Qorti tal-iffrizar.

Illi, fis-seduta tat-23 ta’ Jannar 2012, xehed **Mario Delceppo** (*a fol.* 43 *et seq.*) li qal li huwa mizzewweg lil oht l-imputat u kkonferma li kien hemm xi vetturi li jghajjtu lill-istess imputat fejn dan qal li l-vettura Ford giet ritornata lil Gasan peress li ma baqghux jithallsu xi pagamenti u kien hemm zewg muturi li issa qeghdin ghandu (cioé ghand Mario Delceppo) li jghid li ma gewx mibjugha lilu mill-imputat. Jghid illi dawn il-muturi huma Honda 250 u Honda 750. Meta mistoqsi jghid kif dawn spiccaw ghandu jghid li l-imputat qallu li l-muturi jrid inehhihom u hu, cioé Mario Delceppo, kien infurmah illi kien izommhom hu u jhallas l-ispejjes hu. Jghid li ma kien hemm l-ebda ftehim ta’ bejgh. Ikkonferma li dawn saru jghajjtu lilu. Jispjega kif mar ghand l-ADT jaghmel it-*transfer* u li minn naha tal-ADT hadd ma qallu li dawn il-muturi kienu konfiskati. Jghid illi mill-ADT hadd ma nfurmah li dawn ma setghax imisshom. Jghid ukoll li lanqas l-imputat ma kien infurmah u jghid illi l-imputat ma kienx jaf li ma jistghax isir dan it-*transfer*. Meta mistoqsi jghid jekk il-muturi gewx moghtija lilu b’xejn, wiegeb fl-affermattiv u kkonferma li dawn ghadhom ghandu sallum.

Illi, fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2012, xehed l-i**Spettur Johann Fenech** (*a fol.* 48 *et seq.*) fejn dan xehed rigward il-fatt li l-imputat kien tressaq taht arrest fis-16 ta’ Dicembru 2001 fejn il-Prosekuzzjoni kienet talbet sabiex l-

assi kollha tal-imputat jigu frizati u li l-Qorti kienet laqghet tali talba. Jghid ukoll illi wara li l-imputat kien inghata l-*bail* kien ittrasferixxa l-vetturi kollha tieghu ghal fuq terzi u li dawn il-vetturi kienu FAF 364 u JJB 750. Jispjega kif dawn gew trasferiti fl-10 ta' Jannar 2003 u fit-13 ta' Jannar 2003 rispettivament. Jispjega kif il-vettura Ford Fiesta bin-numru GAT 963 giet trasferita fis-sena 2002 u li l-iSkoda bin-numru IAT 315 giet trasferita fil-bidu ta' Settembru 2004. Jixhed li l-Qorti tal-Appell kienet tat id-decizjoni taghha fit-3 ta' Frar 2005 fejn din kienet ikkonfermat il-piena li kienet tat il-Qorti fil-15 ta' Lulju 2004. Jghid illi l-imputat insista mieghu li ma kien jaf bl-ebda ordni tal-iffrizar u jghid li hadd ma kien qallu li ma setghax ibiegh il-vetturi tieghu. Jixhed li meta staqsieh ghaliex ghamel hekk, l-imputat kien wiegbu ghax kellu bzonn il-flus. Jghid ukoll li ma kienx jaf lil min bieghhom jew lil min kien tahom. Jghid ukoll li ma kienx jaf jekk kienx qala' xi flus minn dawn il-vetturi pero' ma kienx jaf ezatti c-cifra. Filwaqt illi ftakar illi l-iSkoda bin-numru IAT 315 kien taha lit-tifel tieghu, il-kumplament tal-vetturi ma kienx jaf lil min tahom. Jispjega li meta kien mar l-ADT biex ibiegh il-vettura hadd ma kien waqfu jew xi hadd kien qallu li mhux suppost imisshom minhabba li kien hemm l-ordni fuqhom. Gietipprezentata l-isqarrija tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. "JF 1". Jghid ukoll li, apparti l-vetturi, l-imputat kellu wkoll kont fil-BOV bl-ammont ta' € 5,553.99 u li minn dan il-kont kienu ngibdu l-flus kwazi kollha tant li fil-kont thallew biss € 93.97. Dan gara fis-27 ta' Frar 2002.

In <u>kontro-ezami</u> l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma li l-imputat kien qallu li ma kienx jaf b'din l-ordni tal-iffrizar tal-assi. Mistoqsi jghid jekk, fis-sentenza originali, kienx ra l-ordni taghha, x'kienet tghid, l-Ufficjal Posekutur wiegeb li kien qraha pero' m'ghamilx kopja taghha.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2012, rega' xehed **John Seychell Navarro** (*a fol.* 61 *et seq.*) li kkonferma Dok. "JF 2" (*fol.* 55). Jghid ukoll li ntbaghtu xi ittri fost l-ohrajn lil ADT dak iz-zmien. Wara li rega' gie mistoqsi fuq Dok. "JF 2", jghid li meta kien sar l-iffrizar tal-assi kien gie nominat espert biex jaghmel elenku taghhom u li kienet intbaghtet

ittra lil Bank of Valletta fejn dan wegibhom lura li kien hemm hafna hafna inqas flus fil-kont.

In kontro-ezami jghid illi dan id-dokument li sar riferenza ghalih intbaghat fis-16 ta' Novembru 2010 u jghid li d-decizjoni li saret riferenza ghaliha giet ikkonfermata fit-3 ta' Frar 2005. Meta mistoqsi jghid jekk l-istituzzjonijiet gewx infurmati hames snin wara, ix-xhud wiegeb li le. Jghid li dan kien sar meta kien sar l-iffrizar kif hemm fil-verbal ta' dak iz-zmien fejn l-imputat kien notifikat fl-awla. Meta gie mistoqsi jghid x'kien l-iskop li l-ittra ntbaghtet hames snin wara jghid li jahseb li dan sar minhabba li kien hemm xi proceduri ohra li kienu ghadhom ghaddejjin.

Illi, fis-seduta tas-16 t'April 2012, xehdet **Rosemarie Abela** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn din qalet li xi snin qabel kienet marret Gasan Mamo biex tixtri xi *spare parts* ghal vettura li kellha, rat vettura ghall-bejgh u ghogbot lilha u lil zewgha u xtratha minn GasanMamo. Tispjega li l-vettura hija Ford Fiesta bin-numru TON 192. Ma tiftakarx x'kienet in-numru tal-vettura qabel din giet mibdula.

In kontro-ezami tikkonferma li l-ircevuta tal-bejgh kienet minn ghand Gasan.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2012, xehdet **Dr. Alexia Albani** (*a fol.* 68 *et seq.*) in rapprezentanza tal-Bank of Valletta fejn din ikkonfermat l-ittra taghha mmarkata bhala Dok. "JF 3" (*a fol.* 56). Ix-xhud tghid li kienu ntalbu biex jirrilaxxaw l-ammont li kien gie iffrizat permezz ta' *freezing order* u li f'din l-ittra taghha, cioé Dok. "JF 3", iccertifikat li l-*freezing order* qatt ma gew notifikati biha u qatt ma gie ppublikat u li l-flus li kienu ddikjarati lill-espert tal-Qorti kienu qed jissottomettu l-flus li kien hemm fil-kont dakinhar illi jirrizulta li kien hemm €93.97. Tghid illi l-kont kien isejjah lil Joseph Borg, karta tal-identita' numru 79962M. Tikkonferma l-kontenut tal-ittra li saret riferenza ghaliha.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2012, xehed **Roberto Cacciattolo** (*a fol.* 70 *et seq.*) li jghid li kien xtara Skoda 120 u li n-numru taghha ma jiftakrux. Jghid li din xtraha

madwar seba' snin qabel xehed minghand mekkanik bl-isem ta' Jonathan li jinsab lejn San Gwann. Jixhed li kien hallas madwar Lm 100 ghaliha u li kienu saru t-*transfers* u kif ukoll il-VRT. Jixhed kif din il-vettura kienet fuq l-eks mara tieghu, Victoria, u li eventwalment din il-vettura giet skrapjata. Meta gie mistoqsi jghid jekk kienx jaf kienx hemm xi ordni fuq din il-vettura wiegeb: *"Kieku kont naf li hemm xi haga lanqas kienet tghaddi mill-VRT, kienet tehel jew licenzja"* (*a fol.* 71). Jghid illi Jonathan kien qallu li din l-iSkoda kienet spiccat ghandu ghal *parts*.

In kontro-ezami jispjega li hu qatt ma sab problemi ta' xejn rigward il-vettura, la fit-*transfer*, la ghall-VRT u anqas meta skrapjaha. Meta mistoqsi jghid jekk kellux xi problemi jghid li ma kellu xejn ghax kieku kienu jwaqqfuh dak il-hin stess.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza tirrigwarda *freezing order* li nharget fis-16 ta' Dicembru 2001 (Dok. "JSN 1" – *fol.* 40). Minkejja li fid-dokument imsemmi hemm riferenza biss ghall-isem taz-zewg imputati f'dik il-kawza, li wiehed minnhom huwa dak ta "Joseph Borg", ma giex kontestat li effettivament dan "Joseph Borg" huwa l-istess imputat fil-kawza odjerna. Minkejja dan, mill-provi prodotti jirrizulta car li l-imputat odjern inhareg *freezing order* fil-konfront tieghu fis-16 ta' Dicembru 2001.

Illi, da parte taghha, id-difiza tikkontendi li f'din il-kawza l-Prosekuzzjoni ghamlet zball *stante* illi targumenta illi l-imputat gie mixli u mressaq fuq *freezing order* provizjorju (cioé dak li jinhareg fil-prezentata bl-arrest) u **mhux** id-digriet li wiehed isib fil-korp lejn l-ahhar tad-decizjoni finali meta jispicca l-process, li jirrizulta li kien fit-3 ta' Frar 2005 meta l-Qorti tal-Appell tat is-sentenza taghha. Id-difiza targumenta li d-digriet li jitkellem fuqu l-Kapitolu 101 huwa dan ta' l-ahhar u mhux id-digriet provizjorju li giet bbazata fuqu din il-kawza.

Illi Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 jirrigwarda meta ghandha tinghata *freezing order* u x'ghandu jsir in segwitu ta' tali ordni. Artikolu 22A(2) tal-Kapitolu 101 jghid hekk:

"Dak l-ordni għandu –
(a) **jibda jseħħ u jorbot lit-terzi persuni kollha immedjatament malli jsir** […], u

(b) **jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konkluživ, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita**". [emfazi mizjuda]

Illi, Artikolu 22A(6) tal-Kapitolu 101 jghid hekk:

"Meta dak l-ordni ma jibqax fis-seħħ kif provdut fis-subartikolu (2)(b) ta r-Reġistratur tal-Qorti għandu jieħu ħsieb li avviż f'dak is-sens jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u għandu jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku nota li tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dak l-ordni".

Illi, filwaqt li ma jirrizultax li hemm l-ebda kontestazjoni li effettivament inhareg il-*freezing order* fil-konfront tal-imputat fis-16 ta' Dicembru 2001, ma jirrizultax li din l-ordni ma kienitx baqghet fis-sehh. Il-Qorti ma tistghax tikkondivi mal-argument tad-difiza mressaq fit-trattazzjoni taghha u li gie ndikat aktar il-fuq f'din is-sentenza. Il-fatt li nhareg *freezing order* ghandu jigi rispettat mill-persuna fil-konfront ta' min jigi mahrug. Dan ghandu jigi zgur rispettat mill-mument li jinhareg (anke b'mod provizjorju) sakemm il-Qorti tkun tat id-decizjoni taghha finali. X'jiswa li jinhareg *freezing order* u l-imputat ibiegh li ghandu jbiegh sakemm tinghata d-decizjoni finali? Kieku l-argument tad-difiza kellu jigi accetat, f'dak il-kaz il-*freezing order* tkun setghet ma gietx mahruga ghax l-imputat ikun jista' jiddisponi mill-affarijiet kollha li jrid qabel tinghata d-decizjoni finali! L-ghan tal-*freezing order* mahrug fil-prezentata b'arrest ta' persuna fil-konfront tieghu, bhal ma kien fil-kaz odjern, kien proprju dak li: (a) jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u (b) jipprojbixxi lill-akkużat

milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli.[2]

Illi m'hemmx dubju li bl-agir tieghu, cioé bit-trasferiment taz-zewg vetturi u taz-zewg muturi u kif ukoll bil-*withdrawal* ta' xi flus mill-kont bankarju, liema trasferiment u gbid ta' flus saru fid-dati ndikati fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, l-imputat kiser il-*freezing order* mahruga fil-konfront tieghu fis-16 ta' Dicembru 2001.

Illi d-difiza targumenta li l-imputat ma qabadx u biegh il-vetturi fuq l-idejn, pero mar ghand l-ADT sabiex isir it-trasferiment u b'hekk id-difiza targumenta: *"Ghalkemm l-att materjali [dak tat-trasferiment] huwa ammess totali ghaliex ghamel it-trasferiment effettivament meta mhux suppost ghamlu, mhux b'dik l-ordni, bl-ordni qieghda fis-sentenza, pero mill-aspett ta' xjenza mhux talli ma giex pruvat li dan kellu l-element ta' xjenza rikjest, talli l-organi tal-awtorita' biex nghid hekk lilu ghenuh biex dan l-att materjali jkompli jimxi"* (*a fol.* 83). Minkejja dan, il-Qorti tinnota li meta nhareg il-*freezing order* f'Dicembru 2001, kien hemm prezenti l-imputat u l-avukat difensur tieghu u m'hemmx dubju li l-imputat kien jaf li kien inhareg il-*freezing order* in kwistjoni u b'hekk ma jistghax jargumenta li ma kienx jaf li ma setghax jitrasferixxi l-vetturi u l-muturi u li ma setghax jigbed flus mill-kont bankarju tieghu!

**Ikkunsidrat**

Illi mhemmx dubju li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, il-fatt li l-imputat kiser ordni moghtija mill-Qorti, liema fatt huwa ta' certa portata, x'kien jikkonsisti l-ksur tal-ordni tal-iffrizar u kif ukoll il-fedina penali tal-istess imputat. Huwa proprju minhabba dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti sejra

[2] Dan huwa kliem l-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101.

timponi terminu ta' prigunerija effettiv fil-konfront tal-imputat.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti, wara li rat Artikolu 22B tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-imputazzjoni mmarkata b'ittra (a) migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Stante li l-Qorti mponiet terminu ta' prigunerija effettiv fil-konfront tal-imputat, il-Qorti mhijiex ser tordna illi l-hati jiddepożita f'bank l-ammont tal-flejjes jew il-valur ta' proprjetà mobbli oħra mħallsa jew konsenjata bi ksur ta' dak l-ordni tal-Qorti.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------